Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Robert Vella]

vs

Grazio Gauci

Ronnie Gauci

Kumpilazzjoni Numru: 315/2016

Illum, 30 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Grazio Gauci detentur tal-karta tal-identita` numru 568155M u kontra Ronnie Gauci detentur tal-karta ta' l-identita` numru 225076M akkuzati talli nhar it-18 ta'

April 2016, bejn il-11:20 u l-11:45 ta' filghodu, f'diversi bnadi gewwa l-lokalita` tar-Rabat (Malta):-

1. minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, u cioe` feritit ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmel Brincat, persuna li ghalqet l-eta` ta' sittin sena, u dan skond ma iccertifika Dr. Bernard Galea M.D. (Reg. No. 5731) mill-Isptar Mater Dei, Msida, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 216 u 222A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba taghhom ikkagunaw lil haddiehor u cioe` lil Carmel Brincat u lil Claire Pisani Brincat biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 221(1), u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisru l-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat

u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebbew ghal Carmel Brincat u Claire Pisani Brincat sabiex jingurjawhom, idejquhom jew sabiex jaghmlulhom il-hsara, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu ingurji u theddid lil Carmel Brincat u Claire Pisani Brincat b'mod li hargu barra mill-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Ronnie Gauci wahdu akkuzat ukoll:

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Claire Pisani Brincat hekk skond ma ccertifika Dr. John Schembri M.D. (Reg. No. 1327) mic-Centru tas-Sahha tar-Rabat (Malta), u dan bi ksur ta' l-Artikoli 215 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fuq nuccali tax-xemx tal-ghamla '*Rayban*' ghad-dannu ta' Claire Pisani Brincat u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' izjed minn mitejn u hamsin euro (€250), u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. fl-ahharnett, il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Ronnie Gauci bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba, bl-iskop li tipprovi ghas-sigurta` tal-persuni offiza u cioe` Carmel Brincat u Claire Pisani Brincat, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna/i offiza u l-familja taghha ai

termini tal-Artikoli 383, 384, 385, 412C u 412D tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputati fejn huma wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputati li huma refrattarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrijiet tal-imputati;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat argument li nqala' fit-triq fejn il-parte civile Carmel Brincat sofra griehi gravi mentri bintu, Claire Pisani Brincat, sofriet griehi hfief.

Illi xehdet it-tabiba **Dr. Marie Claire Vassallo** li qalet li kienet ezaminat lil Claire Pisani Brincat fit-18 ta' April 2016 li kellha 24 gimgha tqala fejn allegat li kellha ugiegh f'zaqqha ghaliex qalghet

xi daqqiet f'zaqqha. It-tabiba qalet li l-*ultrasound* kien normali u ma kienx hemm kumplikazzjonijiet. Hija kkonfermat ic-certifikati RB 6 u RB 7.

Illi xehed **Dr. Bernard Galea** li ezamina li Carmel Brincat gewwa l-ENT ward fejn irrizultalu li Carmel kellu *nasal bone fracture* li hija ferita gravi. Huwa kkonferma c-certifikat irrilaxxat minnu (Dok. RV10).

Illi xehdet **Dr. Lorraine Tabone** li kienet ezaminat lil Claire Pisani Brincat u lil Carmel Brincat fit-18 ta' April. Ghalkemm Claire Pisani Brincat kienet qed tilmenta b'ugiegh f'zaqqa u fid-driegh tal-lemin ix-xhud ma nnutat l-ebda tbengil. Carmel Brincat kellu nefha f'imniehru u rreferietu ghal X-Ray l-ENT. It-tabiba kkonfermat ic-certifikati esebiti bhala Dok. RV 8 u RV 11.

Illi xehdet **Dr. Odette Pace** li kkonfermat ic-certifikat esebit bhala Dok. RV12 fejn qalet ukoll li fit-18 ta' April kienet ezaminat lil Grazio Gauci li kellu barxa fuq ix-xoffa min-naha ta' gewwa. Il-griehi gew ikkonstatati bhala hfief salv kumplikazzjonijiet.

Xehed ukoll **Dr. John Schembri** li qal li fit-22 ta' April kien ezamina lil Claire Pisani Brincat gewwa r-Rabat Health Centre fejn sab tbengil f'sidirha l-leminija u tbengila taht l-irkoppa x-xellugija. Dawn kien kompatibbli ma' *blunt injury*. Huwa kkonferma c-certifikat esebit bhala Dok. RV9.

Illi xehdet **WPS 313 Christine Micallef** li qalet li fit-18 ta' April 2016 ghall-habta ta' 11:45 marru jirrappurtaw gewwa l-ghassa Ronnie Gauci u missieru Grazio Gauci. Ronnie Gauci qalilha li kien fi Triq Bir ir-Riebu bit-trakk tal-irham fejn kien hiereg minn go *parking bay* u l-persuna fil-karozza ta' warajh bdiet iddoqlu l-*horn* u toffendieh b'ommu. Ronnie Gauci halla l-vettura tghaddi izda ltaqghu fit-traffiku fejn Ronnie nizel biex jistaqsi ghalfejn kien qed joffendih. Ix-xhud kellmet ukoll lil Carmel Brincat li qal li ma kienx minnu li offenda lill-imputati. Qal ukoll li gew fl-idejn fejn Grazio Gauci tah daqqa ta' ponn f'imniehru. Hija esebiet rapport li gie mmarkat bhala Dok. CM1.

Xehed il-parte civile **Carmel Brincat** li qal li kien ghaddej fi Triq Bir ir-Riebu, ir-Rabat, meta hareg vann minghajr *indicator* f'nofs it-triq. Ix-xhud spjega li daqqlu l-*horn* darbtejn ghax kien qed jiccaqlaq bil-mod qisu biex jissikkah. Qal li l-passiggier tah harsa

kerha u x-xhud qal xi haga f'qalbu: *"f'qalbi ghidt xi haga, ma nafx x'ghidt imma, f'qalbi imma mhux lilu, jien ma nfittix konfrontazzjoni ma hadd u jiena bqajt ghaddej bil-karozza."* Skont ix-xhud kif qabez il-vann dan baqa' gej warajh *bumper* ma' *bumper* filwaqt li jdoqqlu l-*horn*. Meta waqaf idoqq il-parte civile qal li ddecieda jieqaf biex imur sal-*grocer* fejn il-vann qabzu u malli qabzu waqaf u l-passiggier nizel jghajjat b'idejh fl-ajru fejn beda jghidlu '*Int taf min jien jien, ejja ha nurik min jien.*' Ix-xhud spjega li dak il-hin nizzel it-tieqa fejn qallu biex ihallih ghax ma kien ghamillu xejn. Wara rega' tella' l-hgiega u saq 'l hemm ghax twerwer stante li ra wkoll is-sewwieq niezel ghalih bis-sahha. Saq sakemm wasal in-Nigret u pparkja u waqaf ikellem lit-tifla tieghu fejn rega' gie dak il-vann. Zied jghid li bintu kellha seba' xhur tqala dak iz-zmien u maghha kellha tifla ta' sentejn. Il-vann waqaf hdejh u l-passiggier (Grazio Gauci) rega' beda jghajjat u jidghi u meta mar biex jiftah il-bieba, Carmel Brincat qal li zamm il-bieba izda Grazio Gauci rega' fetahha bis-sahha, imbotta lil Carmel u beda jtih fejn waqa' mal-art wiccu 'l fuq. Huwa qal li d-daqqa ta' ponn fuq imniehru tahielu Grazio Gauci. Huwa stqarr li bintu bdiet tghajjat biex ihallu lil missierha ghax ser joqtluh u dak il-hin irranka t-tifel ta' Grazio Gauci u mar itiha zewg daqqiet go zaqqha. Meta qaltlu li hija tqila beda jghajjat li huwa ma jimpurtahx. Il-

vittma spjega li x'hin ra dak li kien qed jaghmel l-imputat lil bintu gietu sahha barranija, qam mill-art fejn Grazio mar biex izommu u dak il-hin il-parte civile tah daqqa go halqu sabiex imur bejn it-tifla tieghu u r-ragel l-iehor li kien qed isawwatha. Dak il-hin l-aggressur l-iehor li kien qed jaghti lil bintu gie "*b'kemm kellu sahha*" u tah daqqa ohra ta' ponn fejn rega' spicca mal-art. Din id-daqqa tahielu t-tifel li kien ix-xufier pero` ma jafx ismu. Meta gie f'tieghu qal li bdew gejjin xi nies u dak il-hin qal lill-imputati li ser imur l-ghassa jirrappurtahom fejn it-tifel qallu li hadd ma joffendih b'ommu u jibqa' ma jaghmillu xejn. Zied jghid li meta mar l-ghassa sab lill-akkuzati hemmhekk. Ix-xhud qal li spicca gimgha ma johrog minhabba d-daqqiet li qala' go wiccu; apparti minn hekk kellu wgiegh f'dahru. Ix-xhud esebixxa ritratt (Dok. CB1) fejn jidher wiccu bid-daqqiet. Huwa zied jghid li mad-daqqa tajrulu n-nuccali wkoll. L-isptar qalulu li mniehru kien miksur. Il-parte civile gharaf lill-imputati fl-awla.

Illi inkontroezami l-parte civile qal li kellu t-tieqa mtella' u qatt ma offendihom lill-imputati. Ikkonferma li l-imputati baqghu jiffolowjawh *bumper ma' bumper* filwaqt li baqghu jdoqqu l-*horn*. Huwa sostna li mhuwiex minnu li nizel mill-vettura tieghu meta reghgu ltaqghu ghat-tieni darba. Anzi kien il-passiggier li nizel u

beda jiccalengjah u jghidlu biex jinzel. Huwa kkonferma li meta kien mat-tifla kien huwa li mexa pass ghax rah ser jiftah il-bieba u dak il-hin qalilhom: "*zommu naqra*" fejn spjega li huwa ried jirraguna maghhom izda ma tawhx cans ghax "*rega' fetah il-bieba bis-sahha u hareg u beda jtini. U sibt ruhi mal-art.*" Carmel Brincat innega li kien huwa li xejjer l-ewwel daqqa; anzi sostna li kien il-passiggier li beda jxejjirlu bil-ponn. Huwa spjega li meta waqa' mal-art il-missier kien qieghed ghassa ghalih mentri l-iben kien qieghed isawwat lil bintu. Ix-xhud innega li l-iben kien qed izomm lil Claire Pisani Brincat; anzi kkonferma li rah itiha daqqa fuq spallitha u zewg daqqiet ta' sieq fejn laqatha f'kuxxtejha.

Xehdet il-parte civile **Claire Pisani Brincat** li qalet li kienet miexja bit-tifla taghha lejn in-Nigret fejn raha missierha li kien ghaddej bil-karozza. Missierha waqaf u qalilha li ser jghinha bit-tifla u ezatt kif kien ser jiehu t-tifla mill-*pushchair* waqaf vann u minnu nizlu zewgt irgiel. "*Jiena ghall-ewwel kif nizlu bir-rabja li nizlu hsibtha xi cajta u bdew jimbuttawna, jimbuttawna u gabuna daharna mal-hajt.*" Wiehed minnhom beda jghid l-kliem '*ma tafx min jien.*' Dak il-hin bdew jghajtu u f'daqqa wahda qabdu lil missierha u resquh fin-nofs tat-triq u qabdu jtuh u bid-daqqa li tawh missierha spicca "*catt ma' l-art*" fejn habat in-naha ta' wara ta' rasu mal-art.

Kompliet tghid li missierha rega' qam u kif qam regghu tawh daqqtejn ohra bis-sahha u regghu wadbuh mal-art. Hija qalet li kien il-missier li beda jaghti l-iktar. Hija qalet li bdiet tghajjat sabiex ihallu lil missierha u t-tifel gie fuqha fejn taha daqqa ta' sieq. Meta hija qaltlu li hija tqila qal li ma jimpurtahx u taha daqqa ohra. Dak il-hin missierha staqsieha ghall-*mobile* biex icempel lill-Pulizija u hija spiccat tkecci lill-akkuzati 'l hemm. Dak il-hin bdew jigu xi nies madwarhom li semghu l-ghajjat taghha. Hija qalet li missierha spicca b'wiccu kollu dmija, it-tifla taghha tibki u twerzaq u hija poggiet bilqeghda biex tara jekk thossx it-tarbija. Qalet ukoll li kemm hija u anki missierha spiccaw bla nuccali ghax tajruhom bid-daqqiet. Hija pprezentat stima ta' €145 tal-kumpanija Solaris (Dok. CP1). Ix-xhud gharfet lill-imputati fl-awla.

Illi inkontroezami hija qalet li missierha ma marx hdejn l-imputati u li kienu l-imputati li nizlu bis-sahha minn gol-vann u f'daqqa wahda taw daqqa lil missierha u waqa' fuq dahru fejn habat rasu mal-art u kif rega' qam regghu tawh daqqa go wiccu u rega' waqa' ghal dahru. Hija qalet li ma ratx lil missierha jxejjer daqqiet.

Illi xehed l-**Ispettur Robert Vella** li esebixxa l-istqarrijiet tal-imputati (Dok RV7 u RV 9) u sentenza kontra l-imputat Ronnie

Gauci (a fol. 80). L-Ispettur esebixxa wkoll sentenza fejn Carmel Brincat gie akkuzat talli kkawza griehi hfief fuq Grazio Gauci u talli hebb kontra Grazio u Ronnie Gauci (Dok. RV11). F'din is-sentenza Carmel Brincat gie gustifikat fl-azzjoni tieghu ta' legittima difiza u gie liberat mill-akkuzi kollha.

Illi **Grazio Gauci fl-istqarrija tieghu**, li ttiehdet wara li nghataw is-solitu twissijiet, qal li gie xi hadd warajhom idoqq il-*horn* u meta waqaf hdejhom beda joffendihom u telaq. Huma bdew isuqu fl-istess triq u meta regghu waqfu qal li dan ir-ragel rega' beda joffendihom u kif waqfu mieghu nizel ghalihom u kif nizel Grazio r-ragel rega' rikeb il-vettura tieghu u telaq. Qal li r-ragel ghadda minn triq u huma minn ohra u regghu ltaqghu hdejn il-*lights* ta' Vjal il-Haddiem fejn dan ir-ragel nizel ghalihom, regghu argumentaw u dan ir-ragel tah daqqa go wiccu. L-imputat qal li hemmhekk iddefenda ruhu. Qal li spicca b'xufftejh maqsuma. Grazio Gauci qal li ibnu Ronnie kien qed isuq. Huwa kkonferma li f'hin minnhom giet mara tqila b'idejha 'l fuq fejn qal li jahseb li zammha ibnu Ronnie biex hija ma thebbx ghalih. L-imputat qal li r-ragel spicca bid-demm ma' wiccu izda ma jafx min ghamillu hekk ghaliex kemm hu u anki ibnu kienu qed ituh lura. F'hin minnhom qal li malli r-ragel tah daqqa, "*Ronnie xejjirlu daqqa.*" L-

imputat sostna li kien Carmel Brincat li beda mentri huwa ddefenda ruhu biss.

Illi **fl-istqarrija ta' Ronnie Gauci**, li wkoll ittiehdet wara li nghatat is-solitu twissija, qal li meta ghaddiet karozza minn hdejh is-sewwieq beda joffendih b'ommu. Dawn regghu ltaqghu fejn is-sewwieq nizel u beda joffendihom u ghalhekk nizel missieru u meta nizel huwa wkoll is-sewwieq "*saq u telaq*." Regghu ltaqghu mal-*lights* quddiem il-*parking* tan-Nigret fejn is-sewwieq rega' beda joffendihom u ghalhekk iz-zewg imputati nizlu mill-vann taghhom. Ronnie Gauci qal li dar mal-vann minn wara u sakemm dar missieru u Carmel Brincat kienu diga` qed jargumentaw. Qal li it-tifla bdiet tavvicina lejn missieru u bdiet tgholli lehinha u ghalhekk Ronnie mbuttaha u qalilha biex tersaq 'l hemm. It-tifla regghet marret hdejn missieru u hemmhekk qal li rega' ressaqha fejn uza "ftit forza". Qal li s-sewwieq dak il-hin xejjer daqqa ma' wicc missieru u qasamlu xufftejh. Dak il-hin Ronnie qal li huwa xejjer daqqa go wicc Carmel Brincat biex iwaqqfu u kif waqa' mal-art huwa rtira lura fejn skont hu pprova jispjega lit-tifla tieghu x'kien gara. Ronnie jghid li huwa hadd ma attakkah. Kif spicca l-argument Brincat qal li kien ser igib il-Pulizija fejn Ronnie qallu li kien ser imur hu ghand il-Pulizija. Mistoqsi dwar it-tifla ta' Brincat

huwa qal li ma ndunax li kienet tqila fejn qalilha li kien qed jiddefendi lil missieru. Huwa nnega li taha daqqiet fuq zaqqha u qal hekk: "*Jien kull ma ghamilt huwa li mbuttajha darbtejn igifieri ressaqtha minn idejha u wzajt daqsxejn forza ghax hi kienet aggressiva u bdiet terga' tigi ghal wicc missieri*." Rigward il-griehi li sofra Brincat l-imputat qal li kif tah daqqa ta' ponn waqa' mal-art u x'hin qam kellu wiccu bid-demm; l-imputat ikkonferma li huwa kkawza l-griehi fuq Brincat pero` rigward il-ksur f'imniehru Ronnie qal li huwa tah daqqa fil-genb ta' wiccu. Huwa qal li kien Brincat li beda joffendi lilu u lil missieru u mhux bil-kontra; tant hu hekk li s-sid fejn kien qed jahdem ghandu sema' lil Brincat joffendihom.

Illi bhala provi difiza xehdu z-zewg imputati, Ronnie u Grazio Gauci.

Illi l-imputat **Ronnie Gauci** li qal li kien fuq xoghol ma' ibnu u kif kienu hergin mill-*parking* ghaddiet karozza vicin hafna taghhom fejn is-sewwieq (Brincat) beda joffendihom. L-imputat qal li kien offendih b'ommu. It-tieni darba waqfu wara xulxin bil-vetturi fejn Brincat nizel mill-karozza u x'hin kienu ser jinzlu l-imputati Brincat saq "*gas down*". L-imputat qal li rega' qabad triqtu u meta kien

wieqaf f'triq li ma jghaddux zewg karozzi minnha f'daqqa wahda ra lil Brincat gej min-naha ta' missieru fejn beda joffendihom bl-istess diskors u missieru nizel mentri hu dar ma' wara tal-vann. Skont l-imputat missieru u Brincat bdew jghajjtu u jargumentaw fejn huwa mar biex iferraq jew jara x'gara. Qal li f'daqqa u hin ra lil bint Brincat tgholli jdejha go wicc missieru u ghalhekk mar izommha minn fuq sidirha fejn spallejha "*ghax bdiet tghajjat u tinstiga l-glieda*." L-imputat qal li mbuttaha darbtejn u peress li hija mbuttat qal li kellu juza l-forza: *".. kelli nuza daqsxejn forza biex ergajt imbuttajtha lura t-tieni darba u bdiet tgholli idejha ghal ma' wicc missieri. Ovvjament kelli nimbuttaha jien."* Kompla jghid li x'hin missieru kien qed ihares lejh u lejn it-tifla ta' Brincat, Brincat xejjer daqqa ta' ponn fuq xuftjen missieru. L-imputat qal li dak il-hin missieru baxxa wiccu mentri hu ta daqqa lil Brincat sabiex ma jkomplix isawwat lil missieru. Brincat waqa' fl-art wiccu 'l isfel. Meta qam Brincat ma kienx sod fuq saqajh u dak il-hin beda jghid li ser imur l-ghassa fejn l-imputat qallu: "*L-Ghassa ha mmur jien .. ghax dawn il-kummidji kollha m'ghandniex x'nambuhom*."

L-imputat Ronnie Gauci kompla jghid li nduna wara li t-tifla ta' Brincat kienet tqila. Qal li qatt ma taha daqqa ta' sieq izda skont hu kull ma ghamel: "*waqqaftha bil-barra ta' idejja fuq sidirha, il*

*fuq minn sidirha hawn fuq biex ma tibqax gejja bid-dwiefer ghal wicc missieri tghajjat u tinstiga ghall-glied*." L-imputat qal li l-intenzjoni tieghu meta ta lil Brincat daqqa ta' ponn kienet li jwaqqaf lil Brincat ghaliex huwa beda billi ta lil missieru daqqa u qasamlu x-xoffa.

Inkontroezami l-imputat ikkonferma li fit-tieni episodju Brincat beza' u telaq 'l hemm mentri fit-tielet episodju gieh il-kuragg u rega' mar ghalihom. L-imputat ikkonferma li huwa jittrenja fil-karat. Huwa kkonferma li uza l-forza fuq Claire Pisani Brincat ghax skont hu mbuttatu darbtejn. L-imputat spicca qal li zammha b'idejn wahda x-xellugija izda ma jeskludix il-fatt li hija habtet mieghu: *"Ma neskludix il-fatt li t-tifla ta' Brincat habtet mieghi. Dak il-hin jien ma hassejt xejn pero` jien ma tajt l-ebda daqqiet qed inkun car daqs il-kristall."* Huwa qal ukoll li lil Brincat tah daqqa "*back fist*" b'idejh ix-xellugija bejn widnejh u l-warda ta' wiccu. L-imputat spejga li fil-*martial arts* dik hija l-ehfef daqqa li tistordik ftit izda ma taghmilx hsara kbira. Mistoqsi allura kif Brincat spicca b'imniehru miksur l-imputat qal hekk: *"Dak il-hin waqa' ghal wiccu. Issa ma nafx jien tajtu daqqa. … Mad-daqqa dar hu waqa', waqa' fl-art."* Mistoqsi kif Brincat kellu nefha fuq in-naha tax-

xellug meta l-imputat qal li d-daqqa tahielu fuq in-naha tal-lemin qal hekk: "*Jien ma kontx mieghu biex nispjega dan.*"

Xehed ukoll l-imputat **Grazio Gauci** li qal li hu u Brincat kienu qed jillitikaw meta giet it-tifla ta' Brincat. Ibnu mar izomm lit-tifla ta' Brincat u Carmel Brincat xejjirlu daqqa ta' ponn. Dak il-hin li qala' d-daqqa qal li tbaxxa.

Inkontroezami Grazio Gauci qal li kien it-tifel tieghu li ta daqqa lil Brincat. Skont hu tah daqqa wahda u Brincat waqa' mal-art. Mistoqsi ghalfejn fl-istqarrija tieghu qal li hu wkoll kien ta daqqa lil Brincat mentri fuq il-pedana tax-xhieda qed jghid li le, qal li huwa fl-istqarrija kien qal li xejjer idejh: *"Ghedtlek li xejjirt idejja. Ghedtlek: Stajt ilqattu."*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat illi fis-27 ta' Jannar 2020 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz in ezami l-Qorti hija konfrontata b'verzjonijiet kontrastanti. Min-naha wahda hemm il-verzjonijiet tal-parte civile, ragel anzjan u bintu, li qeghdin jallegaw li l-imputati taw lir-ragel daqqa ta' ponn fejn spicca b'imniehru miksur u anki waqa' mal-art u min-naha l-ohra hemm l-imputati, iben u missier, fejn Grazio Gauci spicca sostna li gie aggredit mill-parte civile Carmel Brincat.

Illi konfrontata b'tali verzjonijiet kontrastanti l-Qorti ser tezamina l-kredibilita` tax-xhieda.

Illi jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti l-prassi hija li ghandha tillibera stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero` l-Qorti tista' wkoll tezamina l-kredibilita` tax-xhieda kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-19 ta' Mejju, 1997 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Fil-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003 gie ritenut illi:

*"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Fil-kawza **Amabile Cauchi vs Gianni Attard** tal-21 ta' Mejju 1955, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi:

*"biex tezamina l-kredibbilita` tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm zewg xhieda principjanti, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita` hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti."*

Il-Qorti nnutat li Carmel Brincat u bintu ma tawx verzjonijiet identici ghal xulxin u di fatti kien hemm xi differenzi minimi fix-xhieda taghhom pero` xorta wahda hareg car minn dak li qalu li kien Carmel Brincat li kien qala' l-ewwel daqqa' ta' ponn mentri Claire Pisani Brincat spiccat vittma wkoll. Min-naha l-ohra l-imputati, li kellhom il-vantagg, bhala ko-akkuzati, li jisimghu d-deposizzjoni ta' xulxin, zammu kostanti mal-verzjoni taghhom fejn sostnew li kien Carmel Brincat li ta daqqa lil Grazio Gauci li wassal sabiex Ronnie Gauci jirritalja. Minkejja l-konsistenza fix-xhieda taghhom, il-Qorti xorta wahda thoss li din il-verzjoni hija pjuttost wahda esagerata. Il-Qorti thoss ukoll li huwa inverosimili li l-parte civile nizel ghalihom u rega' dahal fil-vettura tieghu u huwa wkoll inverosimili kif b'kumbinazzjoni regghu ltaqghu fl-istess post fejn il-parte civile kien fit-triq qed jghin lil bintu mentri l-imputati kellhom per forza jieqfu bil-vann ghaliex it-triq ma kinitx wiesgha bizzejjed biex jghaddu zewg vetturi. Huwa wkoll inverosimili kif Ronnie Gauci meta nizel mill-vann tieghu mar fuq Claire Pisani Brincat minflok mar dritt sabiex iferraq lil missieru u lil Carmel Brincat li skont hu diga` kienu qed jargumentaw.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-komportament tax-xhieda waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda u anki nnutat il-feriti li gew subiti

kemm mill-parte civile Carmel Brincat u Claire Pisani Brincat u anki mill-imputati. Jidher car li Carmel Brincat spicca bi ksur f'imniehru mentri Grazio Gauci sofra biss barxa fuq xuftejh. Claire Pisani Brincat kellha wkoll tbengil f'sidirha l-leminija u tbengila taht l-irkoppa x-xellugija li gew iccertifikati bhala kompatibbli ma' *blunt inury* mentri Ronnie Gauci ma sofra l-ebda griehi. Meta l-Qorti tqis il-feriti subiti u dak li ntqal mill-partijiet kollha fuq il-pedana tax-xhieda jidher li l-feriti huma hafna iktar kompatibbli ma' dak li xehdu l-parte civile. Di fatti huwa inverosimili kif Carmel Brincat spicca bi ksur f'imniehru meta Ronnie Gauci qal li tah daqqa fuq il-genb ta' wiccu u ma jafx kif spicca b'imniehru miksur.

Illi l-Qorti qieset ukoll l-fatt li Carmel Brincat huwa ragel anzjan u bintu kienet tqila dak iz-zmien. Min-naha l-ohra l-imputati kienu zewgt irgiel fejn ghalkemm Grazio Gauci huwa ragel anzjan ukoll, Ronnie Gauci kien ghad kellu erbghin sena u di piu` kien ittrenjat fil-*martial arts*. Jekk verament Ronnie Gauci mar sabiex jiddefendi lil missieru, ma kellux ghalfejn jaghti daqqa lil Carmel Brincat izda seta' facilment ferraqhom minn xulxin. Il-Qorti thoss illi jekk verament kien minnu li Ronnie Gauci mar biex jiddefendi lil missieru, huwa xorta wahda mar oltre l-limitu.

Illi anki kieku stess Carmel Brincat verament offenda lill-imputati, xi haga li l-parte civile baqa' jinnega kategorikament, ir-reazzjoni tal-imputati ma kinitx wahda gustifikabbli.

Illi d-difiza ssollevat l-eccezzjoni tad-difiza legittima u ghalhekk il-Qorti issa ser tezamina l-elementi sabiex tara jekk dak sollevat fit-trattazzjoni da parti tad-difiza, treggix jew *meno*. F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn gie ritenut li:

> Mhux kull min *"jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar "il-bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr*

*raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."*

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", jghid is-segwenti:

*"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi fil-kaz in ezami l-Qorti thoss li l-imputati setghu janticipaw il-periklu, li jfisser li l-periklu ma kienx wiehed imminenti. Illi anki jekk ghall-grazzja tal-argument l-agir tal-imputat Ronnie Gauci kien wiehed instantanju jekk verament mar biex jiddefendi lil missieru, xorta ghad hemm l-element tal-proporzjonalita`; mhuwiex bizzejjed li l-minaccja tkun gravi, ingusta u inevitabbli; huwa wkoll necessarju li r-reazzjoni tal-akkuzat tkun proporzjonata.

Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti** deciza fit-3 ta` Ottubru 2018 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-kaz tas-16 ta` Ottubru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa**, fejn inghad illi:

> *"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni*

*tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.''*

Illi mill-atti processwali jidher car li l-imputati marru oltre dak permess mil-Ligi u ghalhekk il-Qorti ma tabbraccjax it-tezi tad-difiza tal-legittima difeza.

Illi sorvolata l-eccezzjoni tal-legittima difeza, u lura ghall-kredibilita` tax-xhieda, il-Qorti thoss li l-parte civile kienu iktar kredibbli fil-verzjonijiet taghhom. F'dan is-sens il-Qorti taghmel riferenza ghas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 638 li jghid:

*".....f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

Illi di fatti wara li ezaminat il-provi kollha prodotti u l-feriti subiti mill-partijiet involuti, il-Qorti hija tal-fehma li kienu l-imputati li bdew il-glieda inkwistjoni fejn kemm Carmel Brincat u kif ukoll bintu spiccaw sofrew griehi. Apparti minn hekk mix-xhieda tal-parte civile jirrizulta li kienu z-zewg imputati li aggredew lil Carmel

Brincat u ghalkemm Ronnie Gauci jipprova jghid li kien huwa biss li ta daqqa lil Carmel Brincat il-Qorti tinnota li Grazio Gauci kien evaziv meta xehed dwar dan il-punt.

Illi l-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-istima li giet esebita a folio 90 tal-process u x-xhieda ta' Claire Pisani Brincat fejn stqarret taht gurament li Ronnie Gauci spicca kisrilha n-nuccali tax-xemx.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova oltra kull dubju dettat mir-raguni l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tal-imputati, hlief ghat-tieni akkuza u dan stante li ma ngabet l-ebda prova dwar il-*course of conduct.*

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 222A, 251B, 338 (dd), 339(d) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat:

<u>Grazio Gauci</u> hati tal-ewwel (1), u t-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza, li huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza, u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghall-piena ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin, filwaqt li tilliberah mit-tieni akkuza;

u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 221, 222A, 251B, 325(1)(c), 338 (dd), 339(d), 339(e) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat **Ronnie Gauci** hati tal-ewwel (1), u t-tielet (3), ir-raba’ (4) u l-hames (5) akkuza, li huma assorbiti fl-ewwel akkuza (1), kif ukoll is-sitt (6), is-seba’ (7) u t-tmien (8) akkuza u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin, filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza.

Il-Qorti qieghda wkoll tapplika ordni ta’ protezzjoni a favur il-parte civile Carmel Brincat u Claire Pisani Brincat ghall-perjodu ta’ sentejn (2) mil-lum ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Grazio Gauci u Ronnie Gauci l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**